**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**CHAIRPERSON**

**Rikors numru 33/2008**

**Pauline ahjar maghrufa bhala Polly Cutajar u b'digriet tal-Bord tas-16.04.2012 wara l-mewt taghha, l-atti kienu trasfuzi f'isem Saviour Cutajar (268250M), Joseph Cutajar (400755M), Godwin Cutajar (332659M), Mario Cutajar (360473M), Carmen Micallef (658651M), Mary Attard (704556M), Jane D'Alonso (111258M), Marilyn Cutajar (335692M) u Roseanne Cutajar (303566M) f'isem bintha minuri Ramona Cutajar (286599M)**

**vs**

**Raymond Mamo (321664M)**

**Illum, 16 ta' Novembru 2015**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li jghid hekk:

> Illi r-rikorrenti tikri lill-intimat zewg garages li jinfdu sottoposti ghall-blokk b'appartamenti bl-isem ta' 'St. Anthony Flats', fi Triq il-Kanun, Santa Venera u dana skond il-kondizzjonijiet kollha elenkati fl-iskrittura lokatizzja ta' bejn il-partijiet datata 15 t'Ottubru 1993 [Dok PC1];
>
> Illi l-intimat qed jikri dawn il-garages minghand ir-rikorrenti halli juzahom bhala 'stores' u ghal skopijiet relatati man-negozju tieghu u dana hekk kif hemm stipulat fl-imsemmija skrittura;
>
> Illi l-intimat naqas minn obbligu lokatizzju ewlieni fil-konfront tar-rikorrenti u dana billi biddel id-destinazzjoni ta' l-imsemmi fond mikri lilu tant li hu kien qed juza l-imsemmi fond halli jahzen materjal pirotekniku kontra l-ligi u dana hekk kif gie ammess minnu stess fi proceduri kriminali li ttiehdu fil-konfront tieghu u liema sentenza qed tigi hawn mehmuza u mmarkata bhala Dok PC 2;
>
> Illi ghalhekk ir-rikorrenti ghandha kull dritt ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta halli titlob lil dan il-Bord li tirriprendi l-pussess ta' l-imsemmi fond;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitolbu li dan il-Bord joghgbu;

1. Jawtorizzaha tirriprendi l-pussess tal-fond hawn fuq imsemmi u cioe' l-fond ossia zewg garages li jinfdu sottoposti ghall-blokk t'appartamenti bl-isem ta' 'St. Anthony Flats', fi Triq il-Kanun, Santa Venera u dana ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija; u

2. Jipprefiggi lill-intimat zmien qasir u perentorju sabiex hu jizgombra mill-istess fond hawn fuq imsemmi;

Ra wkoll ir-risposta tal-intimat li tghid hekk;

1. Illi l-allegazzjoni li l-esponenti li biddel id-destinazzjoni tal-fond imsemmi mikri lilu minghand ir-rikorrenti minhabba allegazzjoni li uza l-fond bhala mahzen ta’ materja piroteknika hija infondata ghal kollox kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza principalment minhabba l-fatt li parti min-negozju tal-esponenti huwa li jbiegh dawn l-affarijet;

2. Illi ghalhekk ma hemm ebda dritt tar-rikorrenti li tirriprendi l-pussess tal-imsemmi fond;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi r-rikors odjern huwa bazat fuq kawzali wahda u cioe "il-bdil tal-uzu li ghalih gie mikri l-fond".

Illi mill-provi prodotti mir-rikorrenti kif ukoll mill-provi prodotti mill-intimat jirrizulta ampjament illi l-intimat biddel l-uzu tal-fond mertu tal-kawza. Dan johrog car mix-xhieda tal-Ispettur Jesmond J. Borg a fol. 16; mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati Bhala Qorti Istruttorja tal-14 t’Awwissu 2007a fol. 13 tal-

process fil-konfront tal-intimat fejn l-intimat ammetta l-akkuza kontra tieghu li kienet tirrigwarda z-zamma ghall-bejgh jew hazna ta' materjal pirotekniku; kif ukoll mill-kontro-ezami tal-intimat stess a fol. 73. Fuq l-ammissjoni tal-intimat stess mhux biss fil-proceduri kriminali izda ukoll fix-xhieda moghtija minnu fil-proceduri odjerni, l-Bord ma jistax isib mod iehor hlief li jsib l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti bhala pruvati.

Illi l-intimat ma ressaq l-ebda prova biex isostni l-eccezzjonijiet tieghu. Illi, pjuttost ix-xhieda tieghu u ta' martu, l-unici xhieda prodotti mill-intimat, jimmilitaw favur ir-rikorrenti u ma jsostnux l-eccezzjonijiet ta' l-intimat. In oltre, minkejja dak kollu li gie sottomess minnu fin-nota tieghu tali sottomissjonijiet ma huma sostnuti bl-ebda prova. Mill-istess nota l-Bord jara li l-intimat stess ma hux konvint mid-difiza tieghu tant li fil-paragrafu 5 tan-nota responsiva tieghu l-intimat imur pass oltre u jissottometti li r-rikorrenti qed jallegaw illi l-intimat "kien <u>jahdem</u> dawn l-istoppini gewwa l-mahzen ossia hanut" dan meta r-rikors promotur huwa bbazat biss fuq il-hazna ta' materjal pirotekniku u mhux fuq illi l-intimat kien qed jahdem materjal pirotekniku.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Bord qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti ghar-ripreza tal-pussess tal-fond ossija fondi mertu tar-rikors, jordna lill-inkwilin jizgombra mill-istess fond ossija fondi fi zmien xahar mil-lum, u jawtorizza lir-rikorrenti jirriprendu lura l-pussess tal-fond ossija fondi mertu tar-rikors fl-iskadenza tal-imsemmi terminu, bl-ispejjez kontra l-intimat.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur